**FIL- PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR.C. FARRUGIA SACCO. B.A. LL.D**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha 10 ta' Ottubru, 2001.**

**Citazz. Nru: 791/96FS**

**Thos. C. Smith Insurance Services Limited bhala agenti f' Malta tas-societa estera SIA Societa Italiana Assicurazione e Riassicurazioni kif surrogat fid-drittijiet tal-assigurat Maritime Management Services Limited**

**vs**

**Mark Mercieca u b' digiret tat-13 ta' Mejju 1998 gew nominati kuraturi ghall-assenti Mark Mercieca, Dr. Joseph Azzopardi u l-PL. Nicholette Aquilina.**

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha premettiet:

Peress illi fl-10 ta' Jannar 1995, l-konvenut kien qed isuq karozza B-5574 u habat fil-karozza Z1324 f' Mosta Road, Lija.

Peress illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza dan l-incident tat-traffiku gara unikament minhabba t-tort u n-negligenza u nonosservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut.

Peress illi b' risultat ta' dan l-incident s-societa' attrici kellha thallas lil assigurat taghha disa mija tmienja u tlettin liri u erbghin centezmi (Lm938.40) u giet surrugata fid-drittijiet tal-assigurat taghha.

Peress illi ghalkemm debitament interpellat sabiex ihallas l-ammont dovut il-konvenut ma hallas xejn.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din l-Qorti tiddikjara:

1) li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal incident tat-traffiku li gara fl-10 ta' Jannar 1995 bejn l-kaorozzi B-5574 u Z1324 minhabba negligenza u non osservanza tar-regolamenti da parti tieghu.

2) tillikwida d-danni sofferti mill-atturi minhabba l-istess incident fl-ammont ta' disa mija tmiena u tlettin liri Maltin u

erbghin centezmi (Lm938.40) okkorendo b' opera ta' periti nominandi.

3) tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lil attur nomine l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tad-29 ta' Mejju 1995 kontra l-konvenut, u dawk tal-ittra ufficjali ppresentat kontestwalment kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut; il-konvenut gie ingunt ghas-subizzjoni. Bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u lista tax-xhieda, u dokumenti ezibit.

Rat id-digriet tat-13 ta’ Mejju, 1998, li permezz tieghu gew nominati Dr J Azzopardi u l-P.L. N Aquilina bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-konvenut fl-atti tal-kawza.

**ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine li biha eccipew:

Illi huma mhumiex edotti bil-fatti u kwindi jirriservaw id-dritt illi jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidrat

Illi gie prezentat affidavit ta' Ivan Distefano, impjegat bhala Administration Manager mad-ditta Thomas Smith Insurance Agency Ltd li ddikjara li l-kumpanija hallset l-amont ta' Lm963,40 taht claim no M950006 kif spjegat taht.

Din is-somma totali thallset bhala danni sofferti mill-assikurat taghhom Philip Grima, li kien qed isuq il-vettura numru Z-1324 wara kollizjoni ma vettura numru B-5574 misjuqa mis-Sur Mark Mercieca gewwa Hal-Lija fl-10 ta' Jannar tan-1995.

Il-pagamenti li saru kienu dawn:

| | |
|---|---|
| Rapport tal-Puluzija | 3.00 |
| Rapport tas-Surveyor | 5.50 |
| Parts | 505.25 |
| Labour, Spray and RP | 449.65 |
| Total | 963.40 |

Gie prezentat affidavit ta' Philip Grima li semma li fl-10 ta' Jannar 1995 kien qed isuq il-vettura tieghu gewwa Mosta Road fi triqtu lejn Goodyear Tyre Services. Meta wasal fit-tarf tat-triq li kien fiha u gie biex jaqsam Triq il-Muzika waqaf biex jara

kienux gejjin vetturi. Meta ra li ma kien gej hadd, beda miexi l-quddiem. F' daqqa wahda, daret ghal go fih - vettura li kienet gejja mil-lemin tieghu. Kienet gejja b-velocita' kbira tant li lanqas kellu cans jibbrekkja. Ma setgha jaghmel xejn biex jevita dan l-incident u sostna li t-tort huwa tas-sewweiq l-iehor ghax zgur ma harisx qabel dahal got-triq li kien fiha Grima. Sostna li kieku hares kien jarah u ma kienux jahbtu.

P.S. 38 Paul Zahra xehed li kien is-surgent li investiga l-kollizjoni in kwistjoni li kienet grat fl-10 ta' Jannar 1995 bejn il-vetturi B-5574 misjuqa minn Mark Merceica u l-vettura Z-1324 li kienet misjuqa minn Philip Grima. Hu kien ghamel ir-rapport, ha il-mizuri u ghamel l-iskizz tal-kollizjoni. Ikkonferma li dak li hemm imnizzel fuq ir-rapport bhala l-verzjoni tas-sewwieqa fil-fatt kien nizzilhom dak il-hin stess minn dak li kienu qalulu l-istess sewwieqa. Dwar l-iskizz Dokument "PZ2" fol 68 – semma li fuq in-naha tal-lemin hemm Mosta Road li hija l-main road. It-triq fejn saret il-kollizjoni hija "a service road" li taghti ghal Triq il-Muzika. Triq il-Muzika taqsam is-service road u tibqa' hierga ghal Mosta Road. Illum il-gurnata hemm xi sinjali tat-traffiku pero` dak iz-zmien ma kienx hemm.

Mill-okkorrenza jirrizulta li "Mistoqsi kif gara l-incident, is-sewwieq tal-vettura B-5574 qal li kif dar minn Triq il-Mosta lejn triq il-Mizika il-vettura Z-1324 baqghet diehla go fih. Is-sewwieq tal-vettura Z-1324 qal li waqt li kien ghaddej tul Triq il-Mosta il-vettura B- 5574 dahret lejn Triq il-Muzika, prova jevita li jahbat u ma irnexxilux.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Dawn huma l-provi li hemm f'din il-kawza. Ghalhekk jirrizulta li s-sewwieq tal-vettura B-5574 kiser ghal fuq triq il-Muzika minghajr ma ra sewwa x'qieghed jigri u grat il-kollizzjoni billi dahal fil-vettura misjuqa mill-attur.

Mid-deposizzjonijiet moghtija jirrizulta li kawza ta' din il-kollizzjoni s-socjeta' attrici baghtit bhala danni l-ammont ta' LM938.40 minhabba li hallset lill-assikurat taghha dan l-ammont.

Ghal dawn il-motivi:

Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut;

Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal incident tat-traffiku li gara fl-10 ta' Jannar 1995 bejn l-kaorozzi B-5574 u Z-1324 minhabba negligenza u non osservanza tar-regolamenti da parti tieghu;

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi minhabba l-istess incident fl-ammont ta' disa mija tmiena u tlettin liri Maltin u erbghin centezmi (Lm938.40);

Tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lil attur nomine l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni.

Spejjez kontra l-konvenut.